32004D0742

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Ġunju 2004

li taħtar membru Franċiż tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

(2004/742/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2002 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għall-perjodu bejn il-21 ta' Settembru 2002 sa l-20 ta' Settembru 2006 ([1]),

Billi sar vakanti post ta' membru f'dak il-Kumitat wara r-riżenja tas-Sinjur Jean-Marc BILQUEZ, li dwarha l-Kunsill kien infurmat fit-23 ta' Marzu 2004;

Wara li kkunsidra n-nomina mressqa mill-Gvern Franċiż,

Wara li ħa l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Is-Sinjura Laure BATUT hi b'dan maħtura membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali minflok is-Sinjur Jean-Marc BILQUEZ, għall-bqija tal-mandat ta' dan ta' l-aħħar, li jibqa' jgħodd sa l-20 ta' Settembru 2006.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-28 ta' Ġunju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. CULLEN

([1]) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.